# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 20 ta' Lulju 2020**

**Numru 1**

**Rikors numru 60/17MCH**

**William Gatt**

**v.**

**L-Avukat Ġenerali**

**Il-Qorti:**

1. B'rikors preżentat fil-31 ta' Jannar 2017 ir-rikorrent talab lill-Qorti Ċivili, Prim'Awla sabiex:

> *"(1) Tiddikjara illi r-rikorrent sofra diversi lezjonijiet tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta) li jiggarantixxi d- dritt ghal smigh xieraq, fosthom billi l-proceduri kontra tieghu tmexxew fl-assenza tieghu dakinhar li xehdet l-Ispettur Louise Calleja, u cioe fit-18 ta' Dicembru 2013, fil- Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, u billi l-appell tieghu ma*

*nstemax mill-Qorti tal-Appell Kriminali stante li l-appell ma ssejjahx u t-trattazzjoni saret fl- assenza tieghu fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2016;*

*"(2) Tiddikjara illi r-rikorrent sofra lezjoni taI-Artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap. 319) peress li nkiser id-dritt tieghu ghall-assistenza ta' avukat sija fit-8 u 9 ta' Frar 2010, lejliet li dahlet fis-sehh l-emenda fil-ligi, u sija fis- 27 u 28 ta' Dicembru 2011 meta huwa rega' gie interrogat u tressaq il-Qorti l-ghada, stante li d-dritt tieghu ghall-assistenza ta' avukat ma giex rispettat;*

*"(3) Tiddikjara illi r-rikorrent sofra lezjoni tal-garanzija dwar smigh xieraq fi zmien ragonevoli (reasonable time requirement) skont l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap. 319) peress li huwa tressaq il-Qorti fl-2011 u l-proceduri kriminali gew mitmuma f'Awwissu 2016;*

*"(4) Tiddikjara illi r-rikorrent sofra lezjoni tad-dritt ghall-hajja privata u ghall-hajja tal- familja garantit mill-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja (Kap. 319) peress illi l- proceduri kriminali mmexxija kontra tieghu kkawzawlu hsara fid-dinjita, reputazzjoni u l-personalita tieghu, kif ukoll hsara non-pekunjarja u danni morali.*

*"(5) Tiddikjara nulli u bla effett il-proceduri kriminali kontra tieghu, is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-12 ta' Gunju 2015 u l-provvediment dwar dezerzjoni tal- appell tal-Qorti taI-Appell Kriminali tat-13 ta' Lulju 2016.*

*"(6) Tiddikjara illi r-rikorrent sofra lezjoni taI-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropeja li jiggarantixxi d-dritt ghal-liberta personali.*

*"(7) Tordna l-hlas ta' kumpens xieraq.*

*"Bl-ispejjez kontra l-intimat"*.

2. L-intimat wieġeb u ta r-raġunijiet għalfejn il-Qorti għandha tiċħad it-talbiet.

3. B'sentenza tas-27 ta' Ġunju 2019 il-Qorti ddeċidiet:

*"Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi*

*"Tiddikjara illi r-rikorrent ma sofriex lezjoni taht l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni fir- rigward tal-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, u quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali;*

*"Tiddikjara illi ma kien hemm ebda lezjoni taht l-Artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni fir- rigward tal-istqarrija Dok. LC1;*

*"Tiddikjara illi r-rikorrent ma sofra ebda lezjoni minhabba dewmien; Tiddikjara illi r-rikorrent ma sofriex lezjoni tad-dritt ghall-hajja privata;*

*"Tichad il-hames talba;*

*"Tiddikjara illi r-rikorrent ma sofra ebda lezjoni taI-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea; Tichad is-seba' talba;*

*"L-ispejjez tal-kawza jithallsu mir-rikorrent".*

4. B'rikors preżentat fit-8 ta' Lulju 2019, ir-rikorrent appella mis-sentenza bl-aggravji jkunu ripetizzjoni ta' dak li ilmenta dwaru quddiem l-ewwel Qorti. L-intimat wieġeb u ta r-raġunijiet għalfejn din il-Qorti għandha tiċħad l-appell.

**<u>Fatti.</u>**

5. Il-kawża titratta dwar dak li ġara waqt il-kawża kriminali **Il-Pulizija v. William Gatt** deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-12 ta' Ġunju 2015 u eventwalment id-digriet ta' deżerzjoni li ngħata mill-Qorti tal-Appell Kriminali tat-13 ta' Lulju 2016. L-ilmenti tar-rikorrent kienu bażati fuq l-Artikolu 6(1) u 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap. 319), kif ukoll l-Artikoli 5 u 8 tal-istess Konvenzjoni.

6. Il-fatti l-iktar rilevanti għall-iskop tal-appell huma s-segwenti:-

i. Fl-aħħar tas-sena 2011 inħarġet taħrika mill-Pulizija li biha r-rikorrent ġie akkużat li fis-sena 2002 kien ikkorrompa tifla taħt l-eta`, issekwestra lill-istess minuri u ikkommetta attentat vjolenti fuq il-pudur tagħha. Sussegwentement fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2013 it-taħrika kienet emendata sabiex tinkludi fiha li l-imputat kien bil-vjolenza kkommetta stupru fuq il-minuri.

ii. Waqt il-proċeduri quddiem il-Qorti Istruttorja u wara l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali r-rikorrent kien assistit minn avukat tal-għajnuna legali.

iii. Fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2013 xehdet il-minuri u l-qorti tat it-digriet li *prima facie* hemm raġunijiet biżżejjed sabiex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża.

iv. Fis-seduta tat-18 ta' Diċembru 2013 xehdet l-ispettur Louise Calleja, l-uffiċjal prosekutur. Fil-verbal tas-seduta hemm stampat li dehret l-Ispettur Louise Calleja u l-imputat assistit mill-avukat Dr Patrick Valentino, u li xehdet bil-ġurament l-ispettur. Dakinhar l-atti ntbagħatu lura lill-Avukat Ġenerali. Ir-rikorrent fil-kawża kostituzzjonali qiegħed isostni li għal dik is-seduta ma kienx preżenti mill-bidu tad-depożizzjoni tal-ispettur.

v. Fis-seduta tas-7 ta' April 2014 il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma kellhiex iktar provi xi tressaq.

vi. Fis-seduta ta' wara (20 ta' Mejju 2014) l-imputat iddikjara li ma kellux oġġezzjoni li l-każ jitkompla u jkun deċiż bil-proċedura sommarja.

vii. Fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2014 saret it-trattazzjoni u l-kawża tħalliet għall-10 ta' Ottubru 2014 u dakinhar ingħatat sentenza li biha l-Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.

viii. Fis-seduta tas-7 ta' Jannar 2015 xehed l-akkużat u ddikjara li ma kellux iktar provi.

ix. Fis-seduta tal-24 ta' Marzu 2015 saret trattazzjoni u fit-12 ta' Ġunju 2015 ingħatat is-sentenza li biha r-rikorrent instab ħati ta' stupru u l-Qorti kkundannatu għal disa' snin priġunerija.

x. Fl-24 ta' Ġunju 2015 ir-rikorrent appella mis-sentenza.

xi. L-ewwel seduta kienet fil-21 ta' Jannar 2016 u dakinhar id-difensur tal-appellant talab differiment. Fl-istadju tal-appell inbidel l-Avukat tal-Għajnuna Legali li ddefenda lir-rikorrent.

xii. Fis-seduta ta' wara (14 ta' April 2016) reġa' intalab differiment peress li d-difensur tal-appellant kien impenjat f'ġuri.

xiii. L-aħħar seduta kienet tat-13 ta' Lulju 2016. Il-verbal jaqra li deheru biss l-avukati rispettivi, filwaqt li l-appellant imsejjaħ ma deherx; *"Il-Qorti rat l-artikolu 422 tal-Kodiċi Kriminali, rat in-notifika tal-appellant tiddikjara l-appell deżert"*.

xiv. Fis-26 ta' Lulju 2016 l-appellant ippreżenta rikors u bih talab lill-Qorti sabiex tħassar *contrario imperio* d-digriet ta' deżerzjoni. Spjega li fit-13 ta' Lulju 2016 kien qiegħed jistenna barra l-Awla u l-każ tiegħu ma

kienx ġie msejjaħ. Meta kien qiegħed jingħalaq il-bieb tal-Awla staqsa meta ser jinstema' l-każ tiegħu u *".... t-tweġiba kienet li s-sinjura Imħallef riedet titlaq u ingħalaq il-bieb"*.

xv. B'digriet mogħti fis-17 ta' Awissu 2016 il-Qorti ċaħdet it-talba peress li r-rikors ma ġiex konfermat bil-ġurament u kien preżentat wara ż-żmien stabbilit mil-liġi.

xvi. Fil-31 ta' Lulju 2017 ir-rikorrent ippreżenta l-kawża kostituzzjonali.

**<u>Konsiderazzjoni.</u>**

**<u>L-ewwel aggravju – assenza tar-rikorrent waqt parti mid-depożizzjoni tal-uffiċjal prosekutur fis-seduta tat-18 ta' Diċembru 2013 li saret fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja.</u>**

7. Ir-rikorrent isostni li fis-seduta tat-18 ta' Diċembru 2013 ma kienx preżenti mill-bidu nett tas-smigħ. Hu jibbaża ruħu fuq it-traskrizzjoni tax-xhieda kif ukoll *l-audio recording* ta' dik is-seduta.

8. Il-parti tat-traskrizzjoni rilevanti taqra:-

> *"Qorti: Hu paċenzja igħidilhom itellgħuh.*
>
> *Dif: Il-Maġistrat Peralta.*
>
> *Xhud: Inti qed tgħid li għidtilhom ta għalhekk.*
>
> *Dif: Jien għidtlu kien hawn tal-SRT.*
>
> *Qorti: William Gatt.*

*Xhud: Għax jiena saqsieni għidtlu tini ċans. Ma kontx naf li inti.*

*Dif: Le, le jiena.......*

*Xhud: In fatti dan William Gatt kont ħadtlu l-ewwel stqarrija tiegħu, ehe idħol hawnhekk".*

9. Quddiem l-ewwel Qorti r-rikorrent xehed li meta xehdet l-ispettur Louise Calleja, kien hemm ħin meta tħalla barra mill-Awla. Dak iż-żmien kien taħt arrest u għal dik is-seduta kien akkumpanjat minn uffiċjali tal-pulizija.

10. L-ewwel Qorti qalet li kienet ser tistrieħ fuq dak li kien stampat fil-verbal tas-seduta tat-18 ta' Diċembru 2013. Żiedet:-

*"Illi fil-fehma tal-Qorti anke jekk hu veru li seta kien hemm xi mument meta l- imputat ma kienx prezenti jew ghadu diehel fl-Awla dan ma ghandux iwassal ghal-dikjarazzjoni ta' nullita tal-proceduri jew ghal-vjolazzjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Kif inhu risaput. Jekk wiehed ihares lejn il-proceduri kriminali in dizamina fit-totalita taghhom il-Qorti ma ssib xejn li jindika li kien hemm nuqqas tant serju li illeda id-dritt tar-rikorrenti ghal-smigh xieraq".*

11. F'din il-kawża ma tħarrikx bħala xhud l-avukat li kien qiegħed jassisti lir-rikorrent quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja u lanqas id-deputat reġistratur li għamlet il-proċes-verbal tas-seduta. Għalhekk il-verżjoni li ta r-rikorrent ma hijiex korroborata minn xhud ieħor. Ir-rikorrent għażel li jistrieħ fuq provi oħra.

12. Mit-traskrizzjoni mhuwiex daqstant ċar jekk ir-rikorrent kienx preżenti l-ħin kollu waqt li kienet qegħda tixhed l-ispettur Calleja. Għalhekk il-Qorti semgħet kemm-il darba l-parti rilevanti tar-*recording* tad-depożizzjoni tal-Ispettur Calleja, u li fil-fehma tagħha hi l-aħjar prova li hemm fl-atti. Minn dak li semgħet tikkonkludi li probabbilment ir-rikorrent ma kienx preżenti fil-bidu tad-depożizzjoni tal-Ispettur Calleja.

13. Hu veru li l-verbal hu prova kontra dak li qal ir-rikorrent. Pero` mhuwiex prova ċerta. Hu minnu wkoll li ma ġiex verbalizzat mid-difensur tar-rikorrent li r-rikorrent kien assenti u li kellu jissejjaħ u s-seduta ma tkomplix qabel jinġieb mil-*lock up*. Madankollu waqt is-seduta tinstema' l-Maġistrat tgħid *"igħidilhom itellgħuh"* u ssemmi l-isem *"William Gatt"*. Tinstema' wkoll li dakinhar ma kienx hemm ħafna xogħol il-Qorti. Mumenti wara x-xhud Calleja tinstema' tgħid *"ehe idħol hawnhekk"*. Kliem li kollha jagħtu lill-Qorti x'tifhem li l-imputat kienu għadu ma nġiebx fl-Awla mill-persuna/i li kienu qegħdin jeskortawh. Madankollu s-seduta xorta inbdiet fl-assenz tiegħu.

14. Kull Qorti għandha tiżgura li l-imputat jew l-akkużat ikun preżenti fl-Awla meta jibda jinstema' l-każ tiegħu, irrispettivament minn dak li jkun ser iseħħ waqt il-kawża. L-istess l-Avukat tal-Għajnuna Legali kellu joġġezzjona li x-xhud tibda tixhed fl-assenza tar-rikorrent. Wieħed irid jiftakar ukoll li nies li jkunu detenuti, kif kien ir-rikorrent, jiddependu mill-

iskorta li jkollhom magħhom biex jittieħdu fl-Awla. Għalhekk il-Qrati għandhom jipproċedu b'kawtela u ma jippermettux li proċeduralment isiru dawn l-affarijiet.

15. Madankollu r-raġunament tal-ewwel Qorti hu korrett fis-sens li, "*id-dritt tas-smigh xieraq irid jigi meqjus fil-kuntest tat-totalita' tal-proceduri u mhux fir-rigward ta' episodju specifiku".* Dan iktar u iktar meta mir-*recording* innifsu jirriżulta li fil-ħin ferm qasir li fih ir-rikorrent kien assenti u li fih:-

i. Kien rappreżentat mill-avukat li kien qiegħed jiddefendi l-interessi tiegħu. Fil-fatt tinstema' l-vuċi tad-difensur tiegħu.

ii. Sakemm ir-rikorrent daħal fl-Awla, ix-xhud kienet għadha fil-bidu tad-depożizzjoni u tista' tgħid li ma qalet xejn li kellu impatt fuq l-eżitu tal-każ;

iii. Kien nuqqas tar-rikorrent li ma daħalx fl-Awla meta qal li minn barra l-Awla ra lill-Ispettur Calleja tixhed. Mistoqsi mill-Qorti għalfejn ma daħalx, id-difensur tiegħu wieġeb *"Kien arrestat Sur Imħallef"*. Apparti l-fatt li avukat ma għandu qatt iwieġeb minflok il-klijent tiegħu, il-fatt li kien akkumpanjat minn pulizija ma jfissirx li ma setax jidħol fl-Awla. Mill-atti hu ċar li dakinhar ma kinitx l-ewwel darba li r-rikorrent attenda għal seduta fil-Qorti u għalhekk kellu jkun jaf li għandu jidħol fl-Awla jew jitlob lill-iskorta li kien qiegħed jakkumpanjah biex idaħħlu.

16. Il-konklużjoni tal-Qorti hi li għalkemm kien hemm nuqqas meta s-smigħ tal-kawża probabbilment beda fl-assenza tal-imputat, jibqa' l-fatt li dak in-nuqqas assolutament ma kienx determinanti għall-eżitu tal-kawża kriminali. Għaldaqstant, tiċħad l-aggravju.

**<u>It-tieni aggravju – id-digriet ta' dezerzjoni li tat il-Qorti tal-Appell Kriminali waqt is-seduta tat-13 ta' Lulju, 2016.</u>**

17. B'dan l-aggravju r-rikorrent ikkritika l-apprezzament tal-provi li għamlet l-ewwel Qorti, li fis-sentenza qalet:-

> *"Illi fix-xhieda tieghu, Dr Mifsud ma kienx cert dwar x'gara attwalment dakinhar imma x'jahseb li gara. Hu ma kienx cert jekk issejjahx ir-rikorrent u fejn ezattament kien ir-rikorrent meta gie ttrattat l-appell.*
>
> *"Li jirrizulta huwa dak li gie verbalizzat fl-atti tal-appell li gew annessi. F'pagna 214 tal- process hemm verbalizzat li fil-21 ta' Jannar 2016 l-appellant kien deher ghall-appell u fuq talba ta' Dr Mifsud l-appell gie differit ghat-trattazzjoni ghal 14 ta' April 2016. F'dik id-data (ara fol. 218) rega deher l-appellant u Dr Mifsud talab differiment ghax kien jinsab impenjat f'guri. Fit-13 ta' Lulju 2016 (ara fol. 219) meta ssejjah l-appell deher Dr Malcom Mifsud ghall-appellant. Dehret Dr Kristina Debattista ghall-Avukat Generali. L-appellant imsejjah diversi drabi ma deherx. Il-Qorti rat l-artikolu 422 tal- Kodici Kriminali, rat in-notifika tal-appellant tiddikjara l-appell dezert.*
>
> *"Illi minn dan l-ahhar verbal jirrizulta li:*
>
> *"- l-appell issejjah fil-kawza Il-Pulizija vs William Gatt u mhux il-Pulizija vs Toni Mangion*
>
> *"-li l-imputat issejjah mhux darba imma diversi drabi*
>
> *"-u li l-Qorti qabel dikjarat l-appell dezert ivverifikat li l-appellant kien notifikat.*

*"Minn dan l-verbal li sar fil-prezenza ta' Dr Mifsud, jirrizulta li ma hemm xejn minn dak li semma l-Avukat Mifsud. Kieku sar xi zball, Dr Mifsud messu dak il-hin ivverbalizza dak li gara, izda ma hemm ebda verbal f'dan is-sens. Invece hemm il-verbal tal-Qorti li gie dettat fil-presenza taz-zewg avukati li kienu prezenti fl-Awla. Fix-xhieda tieghu Dr Mifsud lanqas ma kien cert dwar x'attwalment gara dakinhar imma x'jahseb li seta' gara. Hu ma kienx cert jekk ir-rikorrent kienx issejjah, imma l-verbal tal-Qorti huwa car u ma jhalli ebda lok ghal dubbju. Il-verbal juri li l-appellant issejjah diversi drabi u ma deherx. Skont il-versjoni ta' Dr Mifsud kienet saret it-trattazzjoni tal-kaz tar-rikorrent, pero fil-verbal tal-Qorti jirrizulta il-kaz gie dikjarat dezert u mhux li thalla ghas-sentenza. L-ispjegazzjoni li ghandha taccetta dina l-Qorti hija dik li tirrizulta mill-verbal imsemmi. Inoltre jigi rilevat li dik ma kinitx l-ewwel okkazjoni li r-rikorrent kien deher ghall-appell tieghu imma kienet it-tielet darba u ghalhekk kien jaf x'kien mistenni minnu.*

*"Din il-lanjanza ghalhekk qed tigi michuda"*.

18. Il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Lulju 2016 jaqra:-

*"Meta ssejjaħ l-appell deher Dr Malcolm Mifsud għall-appellant.*

*"Dehret Dr Kristina Debattista għall-Avukat Ġenerali.*

*"L-appellant imsejjaħ diversi drabi ma deherx.*

*"Il-Qorti rat l-artikolu 422 tal-Kodiċi Kriminali, rat in-notifika tal-appellant, tiddikjara l-appell deżert"*.

19. Fis-seduta tat-13 ta' Ġunju 2018 xehdet Joyce Agius in rapprezentanza tar-Reġistratur tal-Qorti Kriminali u ippreżentat *audio recording* tas-seduta tat-13 ta' Lulju 2016 tal-Qorti tal-Appell Kriminali. Il-Qorti semgħetu u fl-ebda waqt ma tinstema' trattazzjoni tal-avukat Dr Malcolm Mifsud fl-appell **il-Pulizija v. William Gatt** (numru 336/2015), minkejja li l-avukat Mifsud xehed li kienet saret it-trattazzjoni u saħansitra l-Qorti tat differiment għas-sentenza.

20. Ma saritx prova dwar jekk is-sottomissjonjiet kollha li saru dakinhar, kinux ġew kollha irrekordjati. Fil-lista tas-seduta tat-13 ta' Lulju 2016 l-appell tar-rikorrent kien l-ewwel wieħed appuntat għad-9 ta' filgħodu. Pero` dakinhar kien hemm b'kollox għoxrin (20) appell fuq il-lista u kollha kienu appuntati għad-9 ta' filgħodu. Mhuwiex magħruf f'xħin issejjaħ l-appell tal-appellant.

21. Meta xehed l-avukat Malcolm Mifsud (seduta tat-22 ta' Marzu 2018) spjega x'ġara fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2016. Fis-sentenza l-ewwel Qorti qalet li x-xhud ma kienx ċert dwar dak li ġara iżda biss qal x'ħaseb li ġara. Il-Qorti qrat it-traskrizzjoni u tosserva:

- Ix-xhud xehed li għamel sottomissjonijiet fl-appell ta' William Gatt u li wara rriżultalu li l-persuna li kien warajh kien ċertu Toni Mangion. Dik il-persuna kellha l-appell numru 3 fuq il-lista.
- Ix-xhud qal li wara t-trattazzjoni l-Qorti tatu d-data meta kienet ser tingħata s-sentenza. Pero` qatt ma qal x'kienet id-data. Fil-verbal tas-seduta ma tissemma l-ebda data. Mhemmx prova oħra, bħal per eżempju l-avukat mill-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali li kienet attendiet għal dik is-seduta.
- Ix-xhud qal li kif il-Qorti tat id-data tad-differiment li kien imiss, sar jaf li l-persuna li kellu warajh ma kienx ir-rikorrent iżda Toni Mangion li

kien klijent ieħor li kellu l-appelll numru 3 fuq il-lista tal-kawżi għal dik is-seduta.

- Ix-xhud żied, *"... il-Qorti indikat isma saret it-trattazzjoni kienet on tape u jien ħriġt barra u rajt lil William Gatt u għidtlu inti fejn kont ? Qalli jien kont hawnhekk"*. Mistoqsi fejn iltaqa' mar-rikorrent wieġeb li kien fl-ewwel sular u ***'nispjegalu l-konsegwenza'***. Pero` jekk l-affarijiet ġraw kif spjega l-avukat Mifsud, ma kien hemm l-ebda konsegwenza għaliex hu stess qal li l-Qorti tat id-data meta ser tingħata s-sentenza u infurmatu li t-trattazzjoni kienet irrekordjata. Pero` ftit wara x-xhud mistoqsi mill-Qorti jekk l-appell kienx ġie differit għas-sentenza, wieġeb *"Le għax imbagħad kien hemm dispożizzjoni li"*. Għalhekk ma jistax ikun li meta għarraf lill-Qorti bl-iżball li kien sar, il-Qorti qaltlu *"isma saret it-trattazzjoni kienet on tape"*.
- Gia ladarba x-xhud qal li kif ħareġ mill-Awla spjega lir-rikorrent il-konsegwenza, il-Qorti fehmet li x-xhud kien qiegħed jirreferi għall-Artikolu 422 tal-Kodiċi Kriminali li jipprovdi għad-deżerzjoni tal-appell jekk l-appellant ma jidhirx. Pero` iktar 'il quddiem waqt l-istess depożizzjoni qal: *"Jiena niftakar li kellimtu wara, issa immedjatament wara li ħriġt mill-awla għax għamilt it-trattazzjoni jew inkellha tard wara għax kellna kawżi oħrajn, ma niftakarx imma iva niftakar li hu kien qalli isma l-imħallef telqet"*. Eżempju ieħor ta' nuqqas ta' konsistenza tax-xhud. L-ewwel qal li kellem lir-rikorrent mill-ewwel kif ħareġ mill-Awla u wara qal li ma jiftakarx.

- Waqt l-istess depożizzjoni x-xhud wara ftit reġa' biddel il-verżjoni u qal li kellu tlett ijiem[1] sabiex jagħmel rikors għar-revoka *"minħabba li jiena kont taħt l-impressjoni għax il-Qorti qalet isma mela ġie ttrattat it's on tape etc etc u ħallejtha hekk jiena għidt lis-sur Mangion* (recte, Gatt) *isma issa naraw x'jiġri fis-sens u imbagħad ġejt infurmat li qiegħed il-ħabs naħseb ċempilli hu"*.

22. Għal din il-Qorti ma hemmx dubju li meħud in konsiderazzjoni dak li intqal hawn fuq, ix-xhud ma kienx konsistenti. Il-mod kif wieġeb juri li kien konfuż dwar dak li fir-realta ġara dakinhar tas-seduta.

23. Ix-xhud semma wkoll li probabbilment ir-rikorrent ma kienx issejjaħ. Dikjarazzjoni bażata fuq suppożizzjoni tax-xhud u xejn iktar peress li hu kien qiegħed fl-Awla.

24. Mid-depożizzjoni ta' Dr Mifsud l-uniċi fatti li dwarhom kien ċert huma:-

i. Għall-appell tar-rikorrent fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2016, kien preżenti. Fatt li jissemma fil-verbal;

ii. Ir-rikorrent ma kienx preżenti għas-seduta;

[1] Fil-fatt skont il-liġi huma erbgħa.

iii. Għamel sottomissjonijiet dwar l-appell tar-rikorrent, u wara sar jaf li l-persuna li kienet warajh kien Toni Mangion li dakinhar ukoll kellu appell;

iv. F'xi ħin wara s-seduta tkellem mar-rikorrent.

25. Madankollu, il-fatt li jissemma f'paragrafu (iii) mhuwiex korroborat mill-verbal tas-seduta. L-ewwel Qorti għażlet li tibbaża d-deċiżjoni fuq dak li kien hemm stampat fil-verbal. Għalkemm fir-rikors tal-appell ir-rikorrent enfasizza li ressaq l-*audio recording* bħala prova u qal li *"l-Ewwel Qorti għal darb'oħra injorat dina l-prova, li hija l-aqwa prova"*, pero` kif diġa' ntqal fir-*recording* ma tinstemax trattazzjoni tal-avukat Malcolm Mifsud fl-appell il-**Pulizija v. William Gatt**. Għalhekk mhemmx il-prova li r-rikorrent qal li hemm.

26. Il-Qorti żżid li l-preżunzjoni għandha tkun li ssejħet il-kawża kif wara kollox hemm stampat fil-verbal. Ma huwiex magħruf f'xħin ir-rikorrent wasal il-Qorti u lanqas il-ħin li fih issejħet il-kawża. Il-Qorti lanqas ma tista' tiddeċiedi a bażi ta' x'jaħseb li ġara l-avukat Mifsud, meta qal li probabbilment l-appellant ma ssejjaħx. Dak hu li qiegħed jaħseb ix-xhud u xejn iktar. F'kull każ jekk l-appellant kien mar il-Qorti fil-ħin ma kien hemm xejn xi jżommu milli jidħol fl-Awla u joqgħod jistenna hemm ġew sakemm jissejjaħ l-appell tiegħu. Iktar u iktar meta d-difensur tiegħu kien qiegħed fl-Awla u ma kienx l-ewwel darba li daħal il-Qorti.

27. Rilevanti wkoll li dwar dak li ġara fit-13 ta' Lulju 2016, ir-rikorrent qal biss:-

> *"Dr Tonio Azzopardi: Fi kliemek igħid lill-Qorti bil-ġurament tiegħek x'ġara eżatt għax jien ma kontx hemm imma inti kont hemm ?*
> *Xhud: Jien mort għal kawża qgħadt barra u bqajt barra jien, f'daqqa waħda għalaq il-bieb u telaq kulħadd, jiġifieri jiena ġol-awla ma dħaltx pero` qgħadt fuq il-bank barra.*
> *Dr Tonio Azzopardi: Imbagħad fl-aħħar infurmawk xi ħaġa ?*
> *Xhud: Infurmawni li sejra l-Maġistrata jew x'inhi.*
> *Dr Tonio Azzopardi: Imbagħad għaddew xi ġranet u kien il-Ħadd, x'ġara ?*
> *Xhud: Ġew u arrestawni u ħaduni l-ħabs u hekk hekk għadni.*
> *Dr Tonio Azzopardi: Imbagħad xi ħadd tak xi spjegazzjoni x'kien ġara ?*
> *Xhud: Xejn xejn, qaluli għax ma ġejtx il-Qorti.*
> *Qorti: U inti kont qed tistenna ?*
> *Xhud: U jien kont qed nistenna.*
> *Dr Tonio Azzopardi: Bl-iskorta miegħek hux hekk ?*
> *Xhud: Bl-iskorta miegħi".*

28. Fl-ebda ħin ir-rikorrent ma qal li dakinhar kien ra u tkellem mal-avukat Mifsud.

29. Jekk dak li hemm stampat fil-verbal tas-seduta tat-13 ta' Lulju 2016 hu s-sewwa, dak li ġara hu tort tar-rikorrent u mhux ta' ħaddieħor. Jirriżulta li kuntrarjament għal dak li ssuġġerixxa l-avukat tar-rikorrent, dakinhar tas-seduta r-rikorrent ma kienx arrestat. Fil-fatt wara s-sentenza tal-ewwel Qorti r-rikorrent talab is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza u t-talba kienet milqugħa (ara digriet tat-12 ta' Ġunju 2015). Tant hu hekk li r-rikorrent ġie arrestat wara li r-Reġistratur għarraf lid-

Direttur tal-Ħabs li s-sentenza kienet għaddiet in ġudikat. Evidenti li kien f'dak l-istadju li kkomunika mal-avukat Mifsud.

30. Jekk min-naħa l-oħra l-fatti li jissemmew f'paragrafu 24 huma kollha l-verita, ir-responsabbilita` xorta baqgħet tar-rikorrent. Evidentement, l-appellant naqas milli jitkellem mal-avukat Mifsud fil-ħin u dan wassal sabiex ir-rikors għar-rijappuntament tal-appell kien ippreżentat wara ż-żmien kontemplat mil-liġi. Għalkemm ir-rikorrent jipponta subgħajh ukoll lejn l-avukat Mifsud li kien l-Avukat tal-Għajnuna Legali, in-nuqqas kien tiegħu. Kien hu fid-dmir li jiġri wara l-avukat u jara x'hemm bżonn li jsir. Ħaġa li seta' faċilment għamel fil-perjodu li fih seta' jippreżenta r-rikors *ai termini* tal-Artikolu 422 tal-Kodiċi Kriminali, peress li sa dakinhar kien għadu ma ġiex arrestat. Minflok baqa' passiv.

31. Għal dawn il-motivi tiċħad it-tieni aggravju.

**<u>It-tielet aggravju – dewmien mhux raġonevoli.</u>**

32. Ilment ieħor tar-rikorrent hu l-kawża kriminali ħadet żmien mhux raġonevoli biex tkun deċiża;

> *"Eżami tal-proċess juri illi fir-rigward tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kien hemm ħafna żmien li ma ġiex utilizzat u numru żgħir ta' xhieda li ġew prodotti u għalhekk kien hemm tabilħaqq dewmien eċċessiv. Iżda l-ewwel Onorabbli Qorti qalet li l-fattur taż-żmien ma għandux jiġi determinat fl-astratt iżda fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. L-esponent ma jinnotax ċirkostanzi speċjali li*

*jiġġustifikaw id-dewmien li kien hemm matul il-proċeduri kriminali fl-ewwel istanza. Iż-żmien jiskatta minn meta l-Pulizija tiġi nfurmata bil-każ jew minn meta l-persuna suspetta tiġi arrestata u tibda tiġi investigata, u mhux minn meta l-Pulizija tressaq lil dik il-persuna l-Qorti. Il-Qorti qablet illi kien wieħed kompless. Allura għalfejn kellu jieħu daqshekk fit-tul ? Il-lanjanza tar-rikorrent hija għalhekk ġustifikata"*.

33. Fis-sentenza l-ewwel Qorti qalet:-

*"Illi fil-fehma tal-Qorti u minn ezami tal-atti procedurali tal-kumpilazzjoni u tal-atti tal- appell ma jirrizultax li kien hemm id-dewmien eccessiv li qed jirravvisa r-rikorrent. Wara li harget ic-citazzjoni fl-24 ta' Frar 2012 l-prosekuzzjoni kien hadet xi sena u nofs biex ipproduciet ix-xhud principali Jessica Fenech. Ir-raguni kienet li x-xhud kienet tirrisjedi l-Ingilterra u l-familja taghha kellha diffikultajiet finanzijari biex tigi Malta biex tixhed. Fil-12 ta' Novembru 2013 il-prosekuzzjoni bdiet tressaq il-provi u kkonkludithom fis-7 ta' April 2014 cioe wara hames xhur. Il-Qorti ddecidiet l- eccezzjoni preliminari mressqa mir-rikorrent fl-10 ta' Ottubru 2014 u tat is-sentenza finali fit-12 ta' Gunju 2015. Jirrizulta li l-kaz ma kienx wiehed kompless u kienu ntalbu differimenti ghal raguni valida kemm mill-prosekuzzjoni, mid-difiza u mill-Qorti stess. Ghalhekk fir-rigward tal-atti tal-kumpilazzjoni dina l-Qorti ma ssibx li kien hemm xi dewmien irragjonevoli.*

*Fir-rigward tal-appell interpost mir-rikorrent, jirrizulta li dana gie appuntat fil 21 ta' Jannar 2016 u d-decizjoni inghata fil-13 ta' Lulju 2016 u d-differimenti (tnejn) intalbu biss mir-rikorrent.*

*Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti komplessivament ma jirrizultax li kien hemm xi nuqqas lampanti fir-rigward ta' dewmien"*.

34. Il-Qorti tosserva:-

i. Għalkemm it-taħrika tal-pulizija ħarġet fit-28 ta' Diċembru 2011 jirriżulta li l-ewwel darba li r-rikorrent deher il-Qorti kien fit-**23 ta' Ottubru, 2012**. Mill-atti tal-kawża kriminali ma jirriżultax meta r-rikorrent irċieva t-

taħrika għalkemm f'kull każ ma hemmx provi li dak il-perjodu kellu xi effett negattiv fuq ir-rikorrent.

ii. L-ewwel darba li sar xi ħaġa konkret kien fis-seduta fit-12 ta' Novembru 2013 meta xehdu l-vittma u missierha. Il-Qorti tistqarr li fl-*interim period* setgħet faċilment xehdet l-Ispettur Calleja, cioe` l-uffiċjal prosekutur. Madankollu sa dak iż-żmien jirriżulta mill-atti li l-*prime witness* tal-Prosekuzzjoni kienet għadha ma ġietx Malta sabiex tixhed. Fatt li l-Prosekuzzjoni u l-Qorti ma kellhomx kontroll fuqu.

iii. Wara saru seduti fit-18 ta' Diċembru 2013 li fiha xehdet l-Ispettur Calleja u seduta oħra fil-21 ta' Jannar 2014 li għaliha d-difensur tar-rikorrent ma attendiex. Dakinhar ma nstemgħux xhieda wara li l-Prosekuzzjoni infurmat lill-Qorti li x-xhud kien mejjet. Fis-seduta tal-25 ta' Frar 2014 xehed l-Ispettur Christopher Galea Scanura, u mbagħad fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2014 il-Prosekuzzjoni talbet differiment sabiex tara jekk għandhiex iktar provi. Fil-verbal tas-seduta mhemmx record li d-difiża oġġezzjonat għat-talba. Is-seduta ta' wara saret fis-7 ta' April 2014 u dakinhar il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma kellhiex iktar provi xi tressaq.

iv. L-Avukat Ġenerali ħareġ l-artikoli u fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2014 wara li saret korrezzjoni fl-akkuża, il-kawża kienet differita għad-difiża tar-rikorrent. Fil-fatt fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2014 ir-rikorrent ta l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u saret trattazzjoni. Fl-10 ta' Ottubru 2014 ingħatat sentenza fuq l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.

v. Sussegwentement fil-11 ta' Novembru 2014, li fiha kellu jressaq il-provi r-rikorrent, ma tressqux provi u fis-seduta ta' wara (7 ta' Jannar 2015) xehed ir-rikorrent. Fiż-żewġ seduti ta' wara (19 ta' Frar 2015 u 17 ta' Marzu 2015) ma sar xejn, għal raġunijiet mhux imputabbli lir-rikorrent. Imbagħad fis-seduta tal-24 ta' Marzu 2015 saret it-trattazzjoni u s-sentenza ingħatat **fit-12 ta' Ġunju 2015**.

35. Għaldaqstant, l-ewwel stadju tal-proċeduri dam bejn wieħed u ieħor 32 xahar, li fihom kważi tlettax-il xahar minnhom ma sarx progress fihom għaliex il-Prosekuzzjoni kienet qegħda tistenna sabiex il-vittma tiġi Malta sabiex tixhed. Hu minnu li fil-kawża instemgħu biss erba' xhieda u l-każ għalkemm serju ma kienx ikkumplikat. Madankollu hemm ċirkostanzi oħra rilevanti fosthom il-fatt li fid-9 ta' Lulju 2014 ir-rikorrent ta l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni. Eċċezzjoni li mbagħad ġiet deċiża fl-10 ta' Ottubru 2014.

36. Mhux kull dewmien iwassal għal ksur. Meta tqies il-fatti li ssemmew hawn fuq kif ukoll li ma hemmx prova li l-intimat kien qiegħed jinżamm detenut b'riferenza għall-każ in eżami, il-Qorti mhijiex tal-fehma li kien hemm dewmien konsiderevoli li għandu jwassal għall-konklużjoni li l-ewwel Qorti manifestament żbaljat fid-deċiżjoni li ħadet. Seta' sar iktar ? Jista' jkun pero` fil-mod kif tmexxa l-każ fl-istadji differenti, il-Qorti ma tikkunsidrax li kien hemm dewmien bla bżonn. Dan apparti li fl-atti ma

hemmx verbal wieħed li fih l-avukat ta' difiża kien qiegħed jilmenta minn dewmien eċċessiv tal-każ.

37. Għal dak li jikkonċerna l-appell, ir-rikorrent ippreżenta r-rikors fl-24 ta' Ġunju 2015. L-ewwel żewġ seduti ma sarux minħabba li d-difensur tar-rikorrent ma setax jattendi. Imbagħad fit-13 ta' Lulju 2016 ingħata digriet ta' deżerzjoni. Żgur li ma ma kienx hemm dewmien bla bżonn.

38. Għaldaqstant, tiċħad ukoll it-tielet aggravju.

**Ir-raba' aggravju – dritt għall-assitenza ta' avukat waqt interrogazzjoni mill-pulizija li saru fid-9 ta' Frar 2010 u 27 ta' Diċembru 2011.**

39. Jirriżulta li r-rikorrent ta stqarrija lill-pulizija fid-9 ta' Frar 2010 u oħra fis-27 ta' Diċembru 2011.

40. F'dan ir-rigward l-ewwel Qorti qalet:

> *"Illi mill-istqarrijiet in kwistjoni jirrizulta li r-rikorrent dejjem cahad li qatt involva ruhu sesswalment mal-minuri Jessica Fenech u li dak li kienet qed tghid kien kollu gideb.*
>
> *"Illi mill-ezami tal-atti procedurali u minn qari tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati deciza fit-12 ta' Gunju 2015 (a fol. 194) jirrizulta li l-Qorti ma ghamlet ebda uzu mill- istqarrijiet tar-rikorrent u s-sejbien ta' htija tieghu zgur li ma kinitx ibbazata fuq l- istqarrijiet izda fuq provi ohra li gabet il-prosekuzzjoni principalment fuq ix-xhieda ta' Jessica Fenech li l-Qorti ma kellhiex l-icken dubbju dwar il-kredibilita taghha u l-fatti minnha*

*rrakkuntati. Il-Qorti qaghdet biss fuq il-versjoni ta' Jessica Fenech u c-cahda tar-rikorrent u emmnet lil Jessica Fenech biex sabet lir-rikorrent hati.*

*"Jigi rilevat ukoll li r-rikorrent qatt ma ilmenta dwar nuqqas ta' assistenza ta' avukat, la waqt il-kumpilazzjoni u lanqas fir-rikors tal-appell fejn l-aggravji kienu biss fuq il-piena u fuq il-fatt li l-ewwel Qorti ma kinitx ghamlet apprezzament tajjeb tal-fatti. Inoltre jirrizulta li r-rikorrent ma kienx persuna vulnerabbili, inghata s-solita caution u d-dritt li ma jirrispondiex u li ma kienet se tingibed ebda inferenza mill-fatt li hu ma wigiebx.*

*"Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti r-rikorrent inghata smigh xieraq waqt il-proceduri kkontestati nonostante li fir-rigward tal-istqarrija Dok. LC1 huwa ma kienx assistit minn avukat".*

41. Fl-ewwel stqarrija r-rikorrent ma ngħatax l-opportunita` li jitkellem ma' avukat qabel sarulu d-domandi mill-Ispettur Calleja. Sa dak iż-żmien il-liġi f'Malta ma kinitx tagħti dak il-jedd lill-persuna arrestata. Hu fatt li f'dik l-istqarrija r-rikorrent ma ammettiex ħtija. Pero` wieġeb għad-domandi li sarulu u wħud mit-tweġibiet setgħu faċilment jintużaw għal finijiet ta' kredibbilita` gia ladarba għażel li jixhed fil-kawża.

42. Fir-rigward tat-tieni stqarrija, mill-provi rriżulta li r-rikorrent għażel li jitkellem ma' avukat ta' fiduċja tiegħu, għalkemm mhux magħruf il-ħin li fih kien infurmat b'dak id-dritt. Is-surġent 776 Victor Gafa' xehed li r-rikorrent ittieħed f'kamra biex permezz tat-telefon jitkellem mal-avukat ta' fiduċja. Ir-records hekk juru (fol. 117). Hu veru li l-komunikazzjoni kienet permezz tat-telefon pero` b'daqshekk ma jfissirx li r-rikorrent qal lill-avukat ta' fiduċja tiegħu, dak li ried igħidlu. Għat-tieni stqarrija r-rikorrent reġa' wieġeb għad-domandi li sarulu u t-tweġibiet li ta din id-darba wkoll

setgħu jintużaw bħala argument għal finijiet tal-kredibilita' tiegħu meta xehed.

43. Fl-ewwel lok irid jingħad li dak li sar kien skont il-liġi kif kienet fiż-żmien li ttieħdu l-istqarrijiet. Fis-sentenza l-ewwel Qorti għamlet riferenza għall-kunċett tal-*overall fairness* tal-proċeduri, u r-rikorrent argumenta:

> *"Illi fl-umli fehma tal-esponent, jekk se jintuża l-kunċett tal-'overall fairness' sabiex leżjonijiet bħal dawn, li gia' hemm pronunzjament dwarhom minn dina l-Onorabbli Qorti u minn Strasbourg, jiġu sanati, allura jkun qed isir dannu serju u irreparabbli lill-garanzija Konvenzjonali magħmula bl-Artikolu 6(3)(c)".*

44. Pero` l-prinċipju ta' *overall fairness* tal-proċeduri ilu rikonoxxut fil-ġurisprudenza. Fis-sentenza riċenti **Stephens v. Malta** (25989/14) tal-14 ta' Jannar 2020, il-Qorti Ewropea qalet:-

> *"70.However, the Court notes that the non-observance of one of the minimum rights guaranteed by Article 6 § 3 will not lead to an automatic violation of that provision (see, for example and by implication, Ibrahim and Others v. the United Kingdom [GC], nos. 50541/08 and 3 others, 13 September 2016, and Schatschaschwili v. Germany [GC], no. 9154/10, ECHR 2015). The fairness of a criminal trial must be guaranteed in all circumstances.* ***However, what constitutes a fair trial cannot be the subject of a single unvarying rule but must depend on the circumstances of the particular case. The Court's primary concern, in examining a complaint under Article 6 § 1, is to evaluate the overall fairness of the criminal proceedings (see, among many other authorities, Beuze v. Belgium, [GC], no. 71409/10, §§ 120, 9 November 2018 and the case-law cited therein)****.....*
>
> *"73.* ***It follows from the above that, while there is no doubt that G.R.E.'s initial statements were made in the absence of a lawyer, it cannot be said that such circumstances automatically led to G.R.E having had an unfair trial****. Indeed the domestic court found that it did not, and the Court is not called upon to re-examine the domestic*

*court's findings in that case. Further, the Court notes that those statements were not taken in breach of domestic law, since at the time such circumstances were lawful".*

45. Fir-rikors tal-appell ir-rikorrent lanqas ma għamel riferenza għall-aħħar ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea, il-każ ta' **Beuze v. Belgium** (Appell numru 71409/2020) deċiż fid-9 ta' Novembru 2018. Il-Qorti qalet:

*"147. Lastly, it must be pointed out that the principle of placing the overall fairness of the proceedings at the heart of the assessment is not limited to the right of access to a lawyer under Article 6 § 3 (c) but is inherent in the broader case-law on defence rights enshrined in Article 6 § 1 of the Convention ... ... ...*

*"148. That emphasis, moreover, is consistent with the role of the Court, which is not to adjudicate in the abstract or to harmonise the various legal systems, but to establish safeguards to ensure that the proceedings followed in each case comply with the requirements of a fair trial, having regard to the specific circumstances of each accused.......*

*"150. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account (see Ibrahim and Others, ... § 274, and Simeonovi, ... § 120):*

*"(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;*

*"(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;*

*"(c)whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;*

*"(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;*

*"(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;*

> *"(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;*
>
> *"(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;*
>
> *"(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;*
>
> *"(i)the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and*
>
> *"(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice".*

46. F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva kif per eżempju:

i. Ma hemmx prova li r-rikorrent jista' jitqies bħala persuna vulnerabbli meta saru l-istqarrijiet;

ii. Fl-ebda stadju tal-kawża kriminali r-rikorrent ma kkontesta l-awtentiċita ta' dawk l-istqarrijiet li għamel fid-9 ta' Frar 2010 u 27 ta' Diċembru 2011 u dak li kien wieġeb, għalkemm kellu kull opportunita' li kieku ried. Saħansitra fis-seduta tat-18 ta' Diċembru 2013 eżenta lill-prosekuzzjoni milli tressaq żewġ uffiċjali tal-pulizija li kienu preżenti waqt l-interrogazzjoni, *"stante li mhux qed jikkontesta l-volontarjeta tal-istess stqarrijiet"*.

iii. Fis-sentenza tat-12 ta' Ġunju 2015 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ma għamlitx riferenza għal dawk l-istqarrijiet. Il-Qorti ddeċidiet a bażi ta' dak li xehdet il-minuri u dak li kien xehed l-appellant fis-seduta tas-7 ta' Jannar 2015. Deċiżjoni li ttieħdet minn Qorti presjeduta minn Maġistrat.

iv. Il-Qorti li ddeċidiet il-kawża ma tat l-ebda importanza liż-żewġ stqarrijiet li fihom l-appellant ripetutament ċaħad li abbuża mill-minuri.

v. Fl-ebda stadju tal-proċeduri kriminali r-rikorrent ma irtira dak li qal fl-istqarrijiet jew allega li kien ġie sfurzat jagħmilhom jew b'xi mod ingannat;

vi. Ir-rikorrent għażel li jixhed fil-kawża kriminali. Meta xehed fl-ebda ħin ma rrefera għal dak li ġara qabel jew waqt l-interrogazzjoni. Lanqas ma kkontesta t-tweġibiet li kien ta.

47. Magħmula dawn il-konsiderazzjoniet tiċħad ir-raba' aggravju.

**<u>Ħames aggravju – ksur tal-Artikolu 5 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem.</u>**

48. Ir-rikorrent argumenta li l-effetti tal-Att dwar Reġistrazzjoni għall-Protezzjoni tal-Minuri (Kap. 518) huma invalidi jekk il-proċeduri kriminali u s-sentenza kontra r-rikorrent tkun dikjarata nulla. F'dak il-każ tkun seħħet leżjoni tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea li jiggarantixxi d-dritt għall-ħajja privata u ħajja tal-familja u wkoll leżjoni tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni li jiggarantixxi l-jedd għal-liberta` pesonali. Il-fatt li r-rikorrent ma pparteċipax fl-appell bil-mod kif spjegat fir-rikors preżentat fis-26 ta' Lulju 2016, fisser li r-rikorrent tilef il-liberta personali tiegħu meta arrestawh. Madankollu din il-materja hi llum eżawrita peress li t-tieni aggravju ġie miċħud.

49. Ir-rikorrent semma wkoll li s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ma ġietx konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali għaliex dikjarazzjoni ta' deżerzjoni tal-appell ma hijiex konferma tas-sentenza tal-ewwel Qorti. Ir-rikorrent ma għandux raġun. Is-sentenza tal-ewwel Qorti ma għandha bżonn tal-ebda konferma. Kif għadda ż-żmien kontemplat fl-Artikolu 422 tal-Kap. 9, is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali saret ġudikat.

50. Tiċħad ukoll l-aħħar aggravju.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrent u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
mb